# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 564/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Robert Vella)

vs

**Wayne Joseph Camilleri**

iben Victor , imwieled Pieta', fit-12 ta' Gunju, 1989, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 266789(M)

Illum, 19 ta' April, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Wayne Joseph Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-7 ta' Awwissu, 2011 ghal habta tas-7.35 ta' filghaxija gewwa l-lokalita' ta' Santa Venera:

1. bil-hsieb li jaghmel reat ta’ serq ta’ vettura tal-ghamla Toyota, bin-numru ta’ registrazzjoni GRE 008, ghad-dannu ta’ Spiridione Pulo u/jew persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li huwa ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Ford Fusion, bin-numru ta’ registrazzjoni KRN 281, ghad-dannu ta’ Karen Joanna Abela u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b’xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu;

6. fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b’ghajjat u glied;

7. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;

8. fl-istess data f'xi hin gewwa dejjem gewwa l-lokalita' ta' Santa Venera, hebb ghal Joseph Agius u ikkagunalu griehi ta' natura hafifa hekk kif certifikat minn Dott. D. Fenech Reg. No. 2555 mic-Centru tas-Sahha, l-Furjana;

9. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioé ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Fiat, bin-numru tar-registrazzjoni NRS 067, ghad-dannu ta' Joseph Agius u/jew persuna jew persuni ohra liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija, erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69) imma hija izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Dicembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 95, 96(a), 214, 221, 261(b), 261(c), 261(g), 263, 267, 271(g), 325(1)(a), 325(1)(b), 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Wayne Joseph Camilleri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlett (3) snin u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-imputat biex fi zmien tlett (3) xhur mil-lum ihallas is-somma ta' tlett telef, tlett mija u hdax-il Euro u hamsa u tmenin centezmu (€ 3,311.85) lil Karen Joanna Abela u s-somma ta' seba mija u sitta u hamsin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€756.73) lis-socjeta' Montaldo Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' Joseph Agius.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa zmien tlett (3) xhur mil-lum ihallas is-somma ta' mitejn u erbgha u tletin Euro u erba' centezmi (€234.04) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert f'dan il-kaz (*a fol.* 74).

Rat ir-rikors tal-appellant Wayne Joseph Camilleri pprezentat fid-19 ta' Dicembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Dicembru, 2013 mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri fl-ismijiet premessi billi, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u timmodifikaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal terminu ta' tmintax-il xahar prigjunerija sospizi ghal tlett snin, u tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fit-trattazzjoni ta' dan l-kaz irrizulta li l-imputat, persuna b'fedina penali netta, kien qieghed flimkien ma shabu jiccelebra l-festa tar-rahal gewwa l-klabb tal-bocci ta' San Gwann. Jidher illi meta shabu hallewh huwa kien ghadu fi stat tajjeb tant li x-xhieda prodotti kollha kkonfermaw dan, u kkonfermaw ukoll li l-imputat illi ghandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti mhuwiex xi persuna b'xi antecedenti kriminali, jew persuna maghrufa bhala wahda aggressiva. Jidher illi sussegwentement sehhew serje ta' fatti li l-imputat, ghad li iddispjacih u talab skuza ghalihom - u sahansitra obbliga ruhu li jikkumpensa lill-vittmi tal-incidenti ghall-hsara fuq il-vetturi, liema hsara giet kkagunata minnu, huwa ma jiftakar bl-ebda mod dak l-ghagir tieghu llum, u lanqas kien kapaci jiftakru a tempo vergine meta ttiehdet l-istqarrija tieghu.

Illi jigi rilevat li dan mhuwiex jinghad b'certu leggerezza sabiex jigi skuzat l-ghemil tieghu, anzi, kien l-imputat stess li wera x-xewqa illi jigi ezaminat mill-lat mediku sabiex ikun jaf jekk huwiex qieghed isofri minn xi tip ta' psikozi u dan ghal fatt li bl-ebda mod ma jista` jispjega jew xort'ohra jiftakar x'gara, jew x'seta wassal ghal fatti adebiti lilu, u li jirreferu ghal nhar is-7 ta' Awwissu, 2011.

Illi mill-ewwel jinghad li f'dan l-istadju tal-appell l-imputat mhuwiex ser ikun qieghed iressaq sottomisjonijiet fil-mertu u fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dak li gie ipprovat o meno, izda ser ikun qieghed biss jissottometti rigward piena xierqa u idoneja fic-cirkostanzi.

Illi l-imputat innifsu skuza ruhu mal-ewwel opportunita` li kellu, kemm mal-Pulizija ezekuttiva u kif ukoll mal-persuni involuti f'l-incidenti msemmija.

Illi jinghad ukoll li l-imputat qieghed jobbliga ruhu li sa l-ewwel dehra ta' smiegh ta' dan l-appell huwa ser ikun qieghed jikkumpensa lill-vittmi nvoluti a saldu ghal dawk il-hsarat kollha kkagunati minnu u fl-umli fiehma tad-difiza dan ghandu jigi kkunsidrat sewwa sew fl-oghti tal-piena stante li ghandu jwassal ghal mitigazzjoni tal-istess.

Illi l-imputat qieghed jobbliga ruhu ghall-istess konsegwenza tar-rimors u d-dispjacir tieghu li la ghandu skuza ghall-ghagir tieghu u lanqas jista` mod iehor jispjega jew jiftakar la x'wassal ghal dan l-ghagir u lanqas il-kummissjoni tar-reati nnifishom li gew adebiti lilu.

Illi madanakollu d-difiza tinsab sodisfatta mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u kif inghad qabel qieghda tirriserva s-sottomisjonijiet taghha fir-rigward tal-piena.

Illi f'dan il-kaz t-tabib Dr. Mario Scerri pprezenta ir-relazzjoni tieghu fejn qal li l-imputat ma jbati minn l-ebda psikosi jew mard tal-mohh. Jghid li huwa ezamina lill-imptuat hafna wara l-incident u ghalhekk ma jistax jghid jekk dak inhar tal-incident kellux xi sustanza llecita jew kienx xorob izzejjed ghalkemm dan ma irrizultalux minn dak li sema` minghand l-imputat. Jghid pero li l-imputat mhuwiex ragel ta' dawn l-affarijiet u li dan allura kompla sabiex hawwad mhux ftit lill-imputat.

Illi sussegwentement l-imputat ghadda minn zmien xejn pjacevoli peress illi qieghed ibaghti minn depression u lanqas ghadu johrog mid-dar, u aktar minn hekk, hassar minn mit-tfajla li kellu li flimkien maghha kien qieghed jippjana sabiex jizzewweg fiz-zmien li gej.

Illi f'dan l-istadju jinghad ukoll li l-imputat huwa bniedem tal-affari tieghu li jghix hajtu b'mod regolari, pjenament integrat fis-socjeta`.

Illi ghal dawn il-motivi jinghad li din l-Onorabbli Qorti jehtieg tikkunsidra dan kollu fl-ambitu tal-provi prodotti nkluz dawk tat-tabib Mario Scerri, u depozizzjonijiet ohra ta' persuni qrib l-

imputat li kollha xehdu fis-sens illi dan mhuwiex ghagir normali ghall-imputat u li ma huwa konformi xejn mal-karattru normali tieghu. Ghad li d-difiza ma tippossjedi l-ebda prova ta' mard mentali, jew li l-imputat kien taht effett ta' alcohol eccessiv jew xi xorta ta' sustanza illecita li xi hadd seta` xehet fix-xorb tieghu, jibqa` l-fatt li l-Qorti ghandha quddiemha depozizzjonijiet ta' min joqghod fuqhom li, bid-dovut rispett, l-imputat mhuwiex bniedem li jixraqlu jigi kkundannat bil-mod li kkundannatu l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi jigi sottolineat illi dan l-incident ma giex segwit b'incidenti ohrajn u l-Qorti ma ghandha l-ebda indikazzjoni illi dawn l-incidenti huma n-norma ta' kif igib ruhhu l-imputat f'cirkostanzi regolari tal-hajja tieghu, jew li dan l-incident ma kienx kaz izolat u pjuttost inspjegabbli ghalih. Jinghad ukoll illi l-imputat ghandu fedina penali netta, u d-difiza umilment tissottometti illi ma hemm l-ebda raguni ghaliex ghandha tibqa` tigi hekk mittiefsa, galadarba tigi kkumpensata l-parti leza f'dawn il-proceduri, kif inhu xieraq.

Illi ghalhekk hija l-umli fiehma tad-difiza illi l-imputat huwa kandidat xieraq u idoneju sabiex jibbenefika mid-dispost tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta billi jigi liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor fiz-zmien li l-Qorti joghgobha tipprovdi.

Illi finalment jinghad illi, ghad li ma sar l-ebda verbal kolleggjali bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni u li f'dan is-sens ma sar l-ebda qbil informali dwar piena, <u>il-prosekuzzjoni di sua sponte ssottomettiet fis-sens illi l-imputat kien kandidat xieraq sabiex jibbenefika mill-liberazzjoni kkondizzjonata</u> fit-totalita` tac-cirkostanzi. F'dan is-sens jinghad illi galadarba l-esponent ma huwiex persuna perikoluza li ghandha tendenzi aggressivi, jew xi 'system of conduct' li ma tippermettix lil din l-Onorabbli Qorti is-serhan tal-mohh li ncidenti bhal dawn mhumiex ser jergghu jirrepetu ruhhom, u wara li tkun giet rizarcita l-parti leza, allura l-piena ta' sentenza sospiza ma jkun ghad fadlilha l-ebda skop reali.

Illi in effetti jinghad li l-esponent ma jehtieg l-ebda sentenza sospiza sabiex isservi ta' deterrent ghal ghemil futur tieghu.

Illi jigi rilevat li ormai huwa palezi li piena idoneja fic-cirkostanzi ghandha tirrifletti c-cirkostanzi kollha ta' kull kaz li ghandhom jitqiesu b'mod soggettiv fl-intier taghhom. Illi f'dan is-sens jinghad li piena m'ghandhiex ikollha valur retributtiv, izda sa fejn hu possibbli ghandha tkun piena riformattiva u li tippermetti lill-imputat jitghallem mill-ghemil tieghu filwaqt li jinaghta cans iehor meta c-cirkostanzi jippermettu, u dan precizament huwa l-kaz li ghandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti, stante li l-imputat mhuwiex persuna li jehtieg jirriforma hajtu, u li ma jipprezenta l-ebda minacc ghas-socjeta`, kif gie ampjament ipprovat mill-provi prodotti.

Rat ir-riposta tal-Avukat Generali tal-14 ta' April, 2014:

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti nfliggiet piena karċerarja ghal-perjodu ta` tmintax (18) il-xahar sospizi ghal perjodu ta` tlett (3) snin u ordnat lill-appellant biex fi zmien tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza jhallas is-somma ta' tlett telef, tlitt mija u hdax-il Euro u hamsa u tmenin centezmu (€3,311.85) lil Karen Joanna Abela u s-somma ta' seba mija u sitta u hamsin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€756.73) lis-socjeta' Montaldo Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' Joseph Agius.

Illi ghalhekk il-piena nflitta hija wahda fil-parametri tal-liġi u infatti hawn l-esponent jixtieq iżid ukoll li l-Qorti ma' applikatx il-massimu tal-piena li segħtat tagħti f'dan il-każ. L-Ewwel Qorti kellha s-segħta li tinfliġġi tali piena ladarba din tinkwadra fil-parametri li tagħti l-liġi stess. Huwa prinċipju ormai stabbilit li ladarba l-piena nflitta fuq l-appellant tinsab entro l-limiti dettati mil-liġi, allura huwa ndesiderabbli li l-Qorti superjuri tvarja d-diskrezzjoni li kellha l-ewwel Qorti skont l-liġi.

Dan il-prinċipju ormai huwa ben stabbilit kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ il-**Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar, 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew*

*sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, <u>jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.</u>"*

Il-piena li infliġġiet l-Ewwel Qorti ċertament ma kienitx waħda eċċessiva, anki minħabba l-fatt li l-Qorti ma marritx għal massimu tal-piena permessa mil-liġi u li l-Qorti segħtat, fid-diskrezzjoni tagħha, infliġġiet. Irid jingħad ukoll li meta l-Ewwel Qorti kkunsidrat l-piena li ser tinfliġġi fuq l-appellant qieset ukoll l-fatt li l-fedina penali tal-imputat, il-fatt li piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat ma tkunx wahda idonea, il-fatt li d-difiza ma ssustanzjatx l-allegazzjoni taghha, u l-fatt li jekk il-Qorti tapplika xi provvediment li jemani mill-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tkun qed timminimizza dak li ghamel l-imputat. Għalhekk id-diskrezzjoni li l-ewwel Qorti applikat meta infliġġiet il-piena hija fil-limiti tal-liġi u iktar minn hekk ben ġustifikata u għal dawn ir-raġunijiet m'għandiex tiġi disturbata.

Ghaldaqstant u in vista ta` suespost, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti li skont l-appellant tali piena kienet wahda eccessiva.

Illi mill-verbal tat-3 ta' Frar, 2015 jirrizulta li l-appellant hallas dak kollu dovut skont is-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti rat il-presentencing report ezebit mill-Probation Officer Saviour Lia fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2015.

Illi hija l-prattika ta' din il-Qorti li ma tiddisturbax l-piena erogata mill-ewwel Qorti jekk tali piena ma hiex xi wahda esagerata u mhux fil-parametri tal-ligi.

Illi f'dan il-kaz l-ewwel Qorti gghamlet ir-riflessjonijiet taghha meta giet biex teroga l-piena lill-imputat u fil-feham ta' dain il-Qorti, l-ewwel Qorti fehmet sew il-kaz u il-piena hi wahda gust ghal dak li ghamel l-appellant.  Kwalunkwe kumment iehor hu zejjed.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, tichad l-appell ta' Wayne Joseph Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata.